MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Rikors Numru. 3/2004/1

Rikors Nru: 3/2004

Kummissarju ta' l-Art

vs

Joseph Zammit L.P. ghan-nom u fl-interess tal-assenti Guglielmo Cane', Giovanni Cane' u Giuliana Ferretti, Carmel u Carmela Debattista, Francis u Carmela Galea

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Kummissarju ta' l-Artipprezentat fl-20 ta' April 2004 fejn espona:

Ill l-intimati gew notifikati b'Avviz ghal Ftehim datat is-16 ta' April 1998 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala frank u liberu tal-fond numru 5, Triq Xandru, Valletta, u cioe' tar-recognition rent ta' sitta u ghoxrin lira u sittin

centezmu (Lm26.60) fis-sena mpost fuq l-istess, li kien gie akkwistat mill-awtorita' kompetenti b'titolu ta' dominju pubbliku permezz ta' zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard li jgibu d-dati tas-7 ta' Settembru 1973 u tad-29 ta' Awissu 1974 huwa ta' hames mija tnejn u tletin lira Maltija (Lm532) kif jidher fir-rapport tal-Perit Mario Cilia A&CE tal-24 ta' Marzu, 1998 li estratt tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess avviz ghal Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-18 ta' Mejju 1998 l-intimati Francis u Carmela konjugi Galea fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u talbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' hamsa u tmenin elf lira Maltija (Lm85,000).

Illi l-intimat Joseph Zammit ghan-nom u fl-interess tal-assenti Guglielmo Cane', Giovanni Cane', Giorgio Cane' u Giuliana Ferretti naqas li jirrispondi fi zmien il-wiehed u ghoxrin (21) gurnata rikjesti mill-Ligi u ghalhekk qed jitqiesu li accettaw il-kumpens offert;

Illi l-intimati l-ohra Carmelo u Carmela Debattista naqsu wkoll illi jirrispondu fiz-zmien ta' wiehed u ghoxrin (21) gurnata hekk rikjesti mill-Ligi u ghalhekk qed jitqies li accetta l-kumpens offert ghan-nom u fl-interess taghhom.

Illi b'cedola ta' depozitu pprezentata fid-19 ta' Gunju 1998 gie depozitat il-kumpens offert ta' hames mija u tnejn u tletin lira Maltija (Lm532) ghal fond fuq imsemmi;

Illi dan id-depozitu pprezentata fid-19 ta' Gunju 1998 gie depozitat il-kumpens offert ta' hames mija u tnejn u tletin lira Maltin (Lm532) ghal fond fuq imsemmi.

Illi dan id-depozitu ma jimpedix lill-intimati milli jkompli jikkontesta quddiem il-Bord l-ammont offert lilhom, liema ammont pero' r-rikorrent jikkonferma li jqisu gust u skond il-ligi.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jiffissa l-kumpens relattiv ghall-fond fuq imsemmi

skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici.

Ra r-risposta pprezentata mill-intimat Joseph Zammit L.P. nomine fis-17 ta' Mejju, 2004 fejn espona:

Illi jekk ikun hemm xi rivalutazzjoni tal-prezz offert lill-intimati fuq imsemmija, din ir-rivalutazzjoni ghandha wkoll tghodd u tapplika ghall-intimati kif rapprezentati u dan stante li l-prezz li ghandu jigi mhallas huwa wiehed.

1. Skond ir-rikors l-intimati Francis u Carmela Galea talbu l-ammont ta' Lm85,000 u m'hemm l-ebda kontestazzjoni li dan mhux l-ammont mitlub.

2. L-intimat Joseph Zammit L.P. fil-kwalita' tieghu premessa ma ressaqx ittra ufficjali fiz-zmien moghti mill-ligi u ghalhekk ghalkemm l-art hija wahda u tigi hekk stmata ghandu jitqies li accetta l-offerta maghmula mir-rikorrent.

3. L-intimati Carmelo Debattista u Carmela Debattista naqsu wkoll li jwiegbu kif titlob il-ligi.

4. Illi dan il-post kien b'kera ta' gharfien ta' Lm26.60c fis-sena u r-rikorrent qed joffri kumpens ghax-xiri assolut bhala liberu u frank Lm532.

5. Il-Bord hatar bhala periti teknici lill-AIC Renato La Ferla u l-AIC Joseph Jaccarini li hadmu l-kumpens a tenur ta' l-artikolu 22(11)(c), liema kumpens hu ta' Lm1900 u mhux dak offrut mir-rikorrent u lanqas dak mitlub minn wiehed mill-intimati.

6. Il-Bord wara li ra l-imsemmi artikolu:
*"Fil-kaz ta' bdil minn dominju pubbliku f'xiri assolut somma li tasal ghaliha billi tigi kapitalizzata bir-rata ta' wiehed punt erbgha fil-mija tal-kera ta' gharfien fis-sena li tkun domata taht id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza"*

Jaghmel tieghu r-relazzjoni tal-periti u a tenur ta' l-Artikolu 22(11)(c) ta' l-Att 88 tal-Ligijiet ta' Malta jiffissa l-valur fl-

ammont ta’ Lm1900. Ir-relazzjoni tal-periti ghandha taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

Ghalhekk il-Bord qed jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati li jittrasferulu b’titolu ta’ xiri assolut il-fond 5, Triq Xandru Valletta. Il-valur qed jigi ffissat fl-ammont ta’ Lm1900.(Hawn iridu jittiehdu in konsiderazzjoni l-ishma tal-partijiet kif ukoll min minnhom baqa’ kontumaci u gie li accetta kumpens iehor).

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att mehtieg nhar l-Erbgha 14 ta’ Marzu, 2007 fid-09:30a.m. (u dana bhala nutar tar-rikorrent) fl-ufficcju tar-rikorrent. Jahtar lil-Avukat Dottor Richard Sladden biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci li ghandu jigi mgharraf mir-rikorrent bil-miktub b’din il-hatra.

L-ispejjez ta’ min baqa’ kontumaci jithallsu mir-rikorrent hlief dawk tar-risposta tas-17 ta’ Mejju 2004 li ghandhom jithallsu mill-PL Joseph Zammit fil-kwalita’ tieghu premessa; l-ispejjez ta’ Carmelo u Carmela Debattista ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita’ kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord. Qed jigi awtorizzat l-izbank tac-cedola msemmija fir-rikors a tenur tal-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------